MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**Mistoqsija u Tweġiba dwar l-Avviż tal-MFSA**
**fir-rigward ta' Satabank maħruġa fl-20 ta' Ottubru 2018**

**Mistoqsijiet dwar depożiti, ġbid u trasferimenti ta' flus**

1. ***Nista' niddepożita fondi fil-kont tiegħi f'Satabank?***

   Id-depożitanti qed jiġu gwidati biex ma jpoġġux aktar depożiti fil-kontijiet tagħhom. Barra minn hekk, ebda trasferimenti oħra fil-kont tiegħek ma jistgħu jiġu aċċettati mill-bank sakemm ma jkunx hemm direttivi oħra mill-Awtorità. Dawn ir-restrizzjonijiet qed isiru biex jitħares l-interess tiegħek bħala depożitant.

2. ***Jien normalment nirċievi l-paga/pensjoni tiegħi direttament fil-kont li għandi ma' Satabank. Fejn ser tiġi depożitata l-paga/pensjoni tiegħi?***

   Int trid tipprovdi dettalji ta' kont ma' bank ieħor fejn il-fondi jistgħu jiġu trasferiti wara l-20 ta' Ottubru 2018. Trasferimenti ta' flus li daħlu fil-kont tiegħek qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-restrizzjonijiet se jiġu kkunsidrati bl-istess mod bħad-depożiti l-oħra kollha.

3. ***X'se jiġri mit-trasferimenti ta' flus minn u lejn il-kont tiegħi?***

   Ser ikun hemm xi transazzjonijiet lejn u barra mill-bank li nbdew **qabel** l-20 ta' Ottubru 2018 li ma kienux kompluti sad-dħul fis-seħħ tar-restrizzjonijiet. Int se tiġi kkuntatjat minn Satabank dwar dan.

   Transferimenti fil-kont tiegħek jew mill-kont tiegħek **wara** d-dħul fis-seħħ tar-restrizzjonijiet ser jiġu rifjutati. Għaldaqstant, int trid taħseb għal arranġamenti bankarji oħra.

4. ***X'ser jiġri jekk xi ħaddieħor jipprova jgħaddi flus fuq il-kont tiegħi?***

   Jekk l-istruzzjonijiet għal dan it-trasferiment ta' flus jaslu għand il-bank wara d-dħul fis-seħħ tar-restrizzjonijiet il-flus imorru lura għand min bagħthom. Int trid tipprovdi lil min irid jgħaddilek il-flus b'kont bankarju ma' bank ieħor. Min kien se jgħaddilek il-flus irid jerġa' jgħaddi l-istruzzjonijiet lill-bank tiegħu bid-dettalji tal-kont il-ġdid.

5. ***Fuq il-kontijiet ta' depożitu, l-imgħax se jibqa' jidħol? Jekk iva, fejn ser jiġi depożitat?***

Iva. L-imgħax kollu u kull termini u kundizzjonijiet oħra marbuta mal-kont tiegħek ser jibqgħu l-istess. L-imgħax jibqa' jiżdied mal-kont tiegħek iżda jibqa' suġġett għar-restrizzjonijiet.

6. ***Kif se jkunu milquta l-kontijiet denominati f'munita barranija? Nista' niddepożita/niġbed minn dawn il-kontijiet?***

Il-kontijiet f'muniti barranin jaqgħu taħt l-istess deċiżjonijiet applikabbli għall-kontijiet denominati fl-ewro.

7. ***Il-'kontijiet tal-klijent' li operaturi għandhom f'Satabank se jintlaqtu minn dawn ir-restrizzjonijiet?***

Ir-restrizzjonijiet imposti mill-Awtorità huma applikabbli wkoll għall-'kontijiet tal-klijent'.

8. ***Nista' niġbed flus mill-kont li għandi ma' Satabank?***

L-ebda flus ma jistgħu jinġibdu minn Satabank sakemm ma jkunx hemm direttivi oħra mill-Awtorità.

9. ***Nista' nħallas mill-kont li għandi ma' Satabank?***

L-ebda trasferimenti  ta' fondi ma' jistgħu jsiru sakemm ma jkunx hemm direttivi oħra mill-Awtorità.

10. ***Id-direct debits/standing orders se jibqgħu jaħdmu?***

Le *direct debits* jew *standing orders* eżistenti ma jistgħux jiġu proċessati minn Satabank. Jekk tali ħlas hu meħtieġ, trid tipprovdi struzzjonijiet ġodda lill-bank ieħor jew xi ħaddieħor li jipprovdi dan is-servizz.

11. ***Nista' nagħlaq il-kont ta' depożitu b'terminu fiss?***

Le, it-termini oriġinali tad-depożitu jibqgħu japplikaw.

12. ***Nista' nibġed il-flus wara li jimmatura kont ta' depożitu b'terminu fiss?***

Ma jistgħux jinġibdu flus wara li jimmatura kont ta' depożitu b'terminu fiss sakemm ma jkunx hemm direttivi oħra mill-Awtorità.

**Skema ta' Kumpens għad-Depożitant**

13. ***X'se jiġri minn flusi jekk Satabank ma jkunx jista' jħallas lura d-depożitu tiegħu?***

    Fil-każ li l-MFSA u/jew l-Bank Ċentrali Ewropew jiddeċiedu li l-operazzjonijiet tal-bank m'għadhomx vijabbli, l-Iskema ta' Kumpens lid-Depożitant f'Malta se tkopri depożiti eliġibbli sa massimu ta' 100,000 ewro kull depożitant skont ir-Regolamenti rilevanti.

    Bilanċ ta' flejjes elettroniċi mhumiex meqjusa bħala depożiti eliġibbli minn din l-Iskema.

    Jekk għandek bżonn aktar tagħrif dwar din l-Iskema, jekk jogħġbok ċempel 2144 1155 jew email info@compensationschemes.org.mt.

**Mistoqsijiet ġenerali**

14. ***X'passi qed tieħu l-Awtorità biex tindirizza s-sitwazzjoni?***

    Kif imħabbar fl-Avviż Pubbliku tal-MFSA tal-20 ta' Ottubru 2018, l-Awtorità diġà ħadet numru ta' deċiżjonijiet biex tħares l-interess tad-depożitanti. L-Awtorità se tkompli ssegwi s-sitwazzjoni mill-qrib u se tidderieġi lill-bank biex jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jitħarsu l-interess tad-depożitanti.

    Aktar minn hekk, l-Awtorità appuntat lil Ernst & Young bħala persuna kompetenti biex tieħu responsabbiltà tal-assi kollha u tassumi l-kontroll tan-negozju tal-bank sakemm ikun hemm direttivi oħra mill-Awtorità.

15. ***Dawn ir-restrizzjonijiet qed jiġu imposti fuq bażi indefinita?***

    L-Awtorità tista' tneħħi wħud mir-restrizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet kollha meta dan ikun meħtieġ.

16. ***Lil min għandi nikkuntattja għal aktar informazzjoni?***

    Kull komunikazzjoni marbuta ma' Satabank għandha tiġi indirizzata lill-bank fuq in-numri (+356) 2247 7999 jew 2247 7900 jew email: customersupport@sata.bank

L-Avviż Pubbliku maħruġ mill-MFSA huwa disponibbli hawn.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**

**21 ta' Ottubru 2018**